IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.5.2018
COM(2018) 330 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Ewropa li tipproteġi: Arja nadifa għal kulħadd

1. L-ISFIDA TAL-KWALITÀ TAL-ARJA

Il-kwalità tal-arja tjiebet fl-Unjoni Ewropea (UE) fl-aħħar deċennji bis-saħħa tal-isforzi konġunti mill-UE u mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. B'hekk, mill-2000 'l hawn, il-PDG tal-UE kiber bi 32% filwaqt li l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa ewlenin naqsu b'minn 10% sa 70% skont is-sustanza niġġiesa[1].

Madankollu, fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE baqgħet imxekkla, peress li l-istandards tal-kwalità tal-arja għadhom mhumiex jintlaħqu. Is-sitwazzjoni hija partikolarment severa fiż-żoni urbani, fejn jgħixu l-maġġoranza tal-Ewropej.

It-tniġġis tal-arja jikkawża kemm mard kroniku u kemm mard serju bħall-ażma, il-problemi kardjovaskulari u l-kanċer tal-pulmun. Skont l-aħħar dejta mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa[2], it-tniġġis tal-arja għadu għoli b'mod perikoluż f'ħafna partijiet tad-dinja, b'disgħa minn kull 10 persuni jieħdu nifs minn arja b'livelli għoljin ta' sustanzi niġġiesa. It-tniġġis tal-arja għadu l-kawża ambjentali numru wieħed ta' mewt bikri fl-UE, bi stimi ta' iktar minn 400 000 mewta prematura fis-sena[3]. Dan kollu s-soċjetà tħallas għalih prezz għali b'kostijiet esterni għoljin relatati mas-saħħa[4].

Hemm għarfien tajjeb mill-pubbliku dwar it-tniġġis tal-arja u ċ-ċittadini jistennew li l-awtoritajiet jagħmlu xi ħaġa dwaru. Fi stħarriġ tal-opinjoni reċenti dwar l-ambjent fl-UE, it-tniġġis tal-arja ssemma bħala l-kwistjoni li tħasseb l-iktar liċ-ċittadini wara t-tibdil fil-klima[5]. Dawn għandhom aspettattivi leġittimi li se tittieħed azzjoni effettiva fil-livelli kollha biex jonqos it-tniġġis tal-arja u jitħarsu mill-effetti dannużi tiegħu.

Biex dan jiġi indirizzat, l-UE stipulat, permezz ta' leġiżlazzjoni maqbula mill-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, l-għan li jinkisbu livelli ta' kwalità tal-arja li ma jħallux impatti negattivi, jew joħolqu riskji, fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Biex jintlaħaq dan l-għan, politiki effettivi dwar il-kwalità tal-arja jeħtieġu azzjoni u kooperazzjoni fil-livell globali, Ewropew, nazzjonali u lokali.

B'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-implimentazzjoni sserraħ fuq miżuri nazzjonali, reġjonali u lokali mfassla apposta għal bżonnijiet u ċirkustanzi speċifiċi.

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi sforzi politiċi tal-UE b'firxa wiesgħa biex ikunu appoġġati u ffaċilitati l-miżuri neċessarji tal-Istati Membri biex jintlaħqu l-miri tagħhom, u l-azzjoni ta' infurzar li qed tittieħed biex jiġi żgurat li l-għan komuni ta' arja nadifa għall-Ewropej kollha jintlaħaq u jinżamm mal-UE kollha.

---

1 EEA (2017) Air Quality in Europe – Rapport tal-2017: bejn l-2000 u l-2015 l-emissjonijiet fl-UE naqsu bejn 8% (ammonijaka) u 72% (għal ossidu tal-kubrit).

2 http://www.who.int/news-room/detail/02-05-2018-9-out-of-10-people-worldwide-breathe-polluted-air-but-more-countries-are-taking-action

3 EEA (2017). Air Quality in Europe – Rapport tal-2017. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

4 Stmati li huma bejn EUR 330-940 biljun fis-sena (Valutazzjoni tal-Impatt li tirfed il-Programm għal Arja Nadifa għall-Ewropa, SWD(2013)532).

5 Ewrobarometru speċjali 468: L-attitudnijiet taċ-ċittadini Ewropej lejn l-ambjent.

2. POLITIKA TAL-UE DWAR ARJA NADIFA

L-UE ilha deċennji taħdem biex titjieb il-kwalità tal-arja billi tikkontrolla l-emissjonijiet ta' sustanzi dannużi fl-atmosfera, ittejjeb il-kwalità tal-fjuwil, u tintegra r-rekwiżiti tal-ħarsien tal-ambjent fis-settur industrijali, tat-trasport u tal-enerġija. L-għan hu li jonqos it-tniġġis tal-arja għal livelli li jimminimizzaw l-effetti dannużi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent tul it-territorju kollu tal-UE. It-tniġġis tal-arja jaqsam il-fruntieri nazzjonali u għalhekk il-koordinament fil-livell tal-UE huwa importanti. Id-dritt tal-UE jħalliha f'idejn l-Istati Membri li jagħżlu l-mezzi biex ikun hemm konformità mal-valuri limitu maqbula fil-livell tal-UE. Għas-sorsi ewlenin tat-tniġġis, japplikaw standards fil-livell tal-UE biex ikun żgurat il-funzjonament ta' suq intern effikaċi.

Il-Programm għal Arja Nadifa għall-Ewropa[6] tal-2013 ikkonferma mill-ġdid l-għan li tinkiseb konformità sħiħa mal-istandards eżistenti tal-kwalità tal-arja madwar l-UE kollha malajr kemm jista' jkun u jistipula l-objettivi għall-2020 u l-2030. L-isforzi politiċi tal-UE huma bbażati fuq tliet pilastri ewlenin.

L-ewwel pilastru jinkludi l-istandards tal-kwalità tal-arja ambjentali stipulati fid-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali[7] għall-ożonu fil-livell tal-art, il-materja partikolata, l-ossidi tan-nitroġenu, metalli tqal perikolużi u għadd ta' sustanzi niġġiesa oħrajn[8]. Dawn l-istandards tal-kwalità tal-arja kellhom jinkisbu mill-Istati Membri kollha fit-territorji tagħhom mill-2005 jew l-2010 'l quddiem – skont is-sustanza niġġiesa[9]. Jekk il-valuri limitu stabbiliti jinqabżu, l-Istati Membri jkollhom jadottaw pjanijiet ta' kwalità tal-arja li jagħtu fid-dettall miżuri adatti biex il-perjodu ta' eċċess ikun qasir kemm jista' jkun.

It-tieni pilastru jikkonsisti f'miri nazzjonali ta' tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi tal-Emissjonijiet għall-iktar sustanzi importanti li jniġġsu fl-arja transfruntiera: l-ossidi tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu, l-ammonijaka, il-komposti organiċi volatili u l-materja partikolata[10]. Il-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet reċentement ġew riveduti biex jinkudu limiti ġodda li jridu jintlaħqu fl-2020 u fl-2030, u sustanza niġġiesa addizzjonali – materja partikolata fina ($PM_{2.5}$). L-Istati Membri jridu jiżviluppaw Programmi Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja sal-2019 bil-ħsieb li jiġu konformi mal-impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

It-tielet pilastru jinkludi standards ta' emissjonijiet għal sorsi ewlenin ta' tniġġis, minn emissjonijiet tal-vetturi u l-vapuri għall-enerġija u l-industrija. Dawn l-istandards huma stabbiliti fil-livell tal-UE f'leġiżlazzjoni li għandha fil-mira emissjonijiet industrijali[11], emissjonijiet minn impjanti tal-enerġija[12], vetturi[13] u fjuwils tat-trasport[14], kif ukoll ir-rendiment tal-prodotti fl-użu tal-enerġija[15].

---

6 COM(2013)918.

7 Id-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE.

8 Din il-leġiżlazzjoni tkopri b'kollox 12-il sustanza niġġiesa: id-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM10 u PM2.5), l-ożonu, il-benżen, iċ-ċomb, il-monossidu tal-karbonju, l-arseniku, il-kadmju, in-nikil, u l-benżo[a]piren.

9 Il-posponiment tal-iskadenza (sal-2015 għad-diossidu tan-nitroġenu u l-benżen u sa Ġunju 2011 għall-materja partikolata) kien possibbli f'ċirkostanzi speċifiċi.

10 Id-Direttiva 2001/81/KE kif sostitwita mid-Direttiva 2016/2284/UE.

11 Id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali 2010/75/UE.

12 Id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali 2010/75/UE u d-Direttiva dwar l-Impjanti ta’ Kombustjoni Medji 2015/2193/UE.

Barra minn hekk, wara l-iskandlu tal-emissjonijiet tal-vetturi fl-2015, iddaħħal il-pakkett tar-regoli dwar l-Emissjonijiet fis-Sewqan Reali[16] biex ikun żgurat li l-istandards għall-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja jkunu implimentati sew u r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip ikunu rinforzati. Dan il-pakkett jinkludi testijiet għal emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu u tal-materja partikolata kif ukoll regoli ġodda li deħlin dalwaqt dwar il-konformità waqt is-servizz biex jitjiebu t-testijiet tal-vetturi li qed jintużaw diġà. L-aħħar bidliet ġew adottati fit-3 ta' Mejju biex ikomplu jitnaqqsu l-marġnijiet ta' inċertezza teknika fit-testijiet tal-Emissjonijiet fis-Sewqan Reali, jiżdiedu l-kontrolli tal-emissjonijiet tal-karozzi li diġà qed jiċċirkolaw u jiġu introdotti testijiet minn partijiet terzi indipendenti u akkreditati. Barra minn hekk, sa minn Settembru 2017 it-tipi ġodda ta' vetturi ħfief iridu jikkonformaw ma' proċedura ġdida tat-testijiet għal testijiet tal-laboratorju tal-approvazzjoni tat-tip li huma eqreb għal kundizzjonijiet tas-sewqan reali[17].

Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet ukoll standards tal-emissjonijiet CO_2 ġodda għall-karozzi u l-vannijiet biex jgħinu lill-manifatturi jilqgħu iktar l-innovazzjoni u jfornu vetturi b'emissjonijiet sinifikantement iktar baxxi jew bl-ebda emissjonijiet fis-suq[18]. L-ewwel proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istandards tal-emissjonijiet CO_2 għal vetturi tqal ġodda, ippreżentata bħala parti mill-Pakkett dwar il-Mobilità, ukoll mistennija tħalli effetti indiretti fit-tul fuq il-kwalità tal-arja billi tkompli ttejjeb l-effiċjenza fil-fjuwil u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'dan is-segment, u billi tipprovdi inċentivi għat-tqegħid fis-suq ta' vetturi tqal b'emissjonijiet baxxi jew mingħajr emissjonijiet, inklużi xarabanks, b'effetti sekondarji pożittivi fuq l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja.

Barra minn hekk, l-UE qed tħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema madwar l-Ewropa permezz tal-leġiżlazzjoni tagħha li tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-arja fil-postijiet tax-xogħol[19], li jinkludu l-istabbiliment ta' valuri limitu ta’ esponiment fuq ix-xogħol għal għadd ta' sustanzi kimiċi perikolużi. Il-Kummissjoni kienet partikolarment attiva b'sensiela ta' proposti li jemendaw id-Direttiva tal-Karċinoġeni u l-Mutaġeni billi tiffissa l-valuri limitu mmirati lejn it-titjib tal-protezzjoni għal miljuni ta' ħaddiema minn kanċer mix-xogħol – l-ikbar qattiel fil-post tax-xogħol[20].

---

13 Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 li jiffissa standards tal-emissjonijiet CO2 għal karozzi tal-passiġġieri ġodda u r-Regolament (KE) Nru 510/2011 li jiffissa standards ta' emissjonijiet CO2 għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda, ir-Regolament dwar l-istandards ta' emissjonijiet CO2 għal karozzi ġodda u vetturi ħfief.

14 Id-Direttiva tal-Kwalità tal-Fjuwil 97/70/KE

15 Id-Direttiva dwar l-Ekodisinn 2009/125/KE.

16 Ir-Regolament (UE) Nru 2016/427, ir-Regolament (UE) Nru 2016/646. ir-Regolament (UE) Nru 2017/1154.

17 L-hekk imsejħa Proċedura ta' ttestjar armonizzata fuq livell dinji għall-vetturi ħfief (WLTP).

18 Proposta għal Regolament li jistabbilixxi standards ta’ rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda (COM(2017)676).

19 Id-Direttiva Qafas 89/391/KEE (ĠU L 183, 29.06.89, p. 1), issupplimentata mid-Direttiva 89/654/KEE dwar il-postijiet tax-xogħol (ĠU L393, 30.12.89, p. 1), id-Direttiva 98/24/KE dwar l-aġenti kimiċi (ĠU L 131, 05.05.1998, p. 11) u d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-karċinoġeni u l-mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 158, 30.04.2004, p. 50).

20 S'issa, ġew ippreżentati tliet proposti (COM(2016) 248, COM(2017) 11 u COM (2018) 171), bl-ewwel waħda tiġi sadattant adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill bħala d-Direttiva (UE) 2017/2398, ĠU L, 27.12.2017, p. 8.

3. EŻEMPJI TA' MIŻURI LI JNAQQSU T-TNIĠĠIS TAL-ARJA

Tul is-snin ittieħdu settijiet ta' miżuri differenti fil-livell tal-UE, fil-livell tal-Istati Membri u fil-livell lokali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja, inkluż minn impjanti kbar tal-kombustjoni, installazzjonijiet industrijali, u trasport, inklużi vetturi tat-triq (eż. permezz ta' titjib fil-kwalità tal-fjuwils u l-istandards tal-emissjonijiet Ewropej suċċessivi). Dan juri li jeżistu soluzzjonijiet kosteffikaċi u li dawn jistgħu jkunu ta' sostenn għall-innovazzjoni u jħallu impatt nett pożittiv fuq il-kompetittività tal-UE, b'konformità mal-prijoritajiet usa' tal-Kummissjoni Ewropea għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi[21].

3.1. Miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport

Abbażi tal-aħħar data disponibbli, is-settur tat-trasport huwa l-ikbar kontributur għall-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu, u kontributur sinifikanti għall-emissjonijiet tal-materja partikolata[22].

Il-miżuri biex ikomplu jnaqqsu l-emissjonijiet jistgħu jimmiraw lejn titjib tekniku, bidla fl-imġiba u ġestjoni tad-domanda (il-promozzjoni ta' mezzi ta' trasport iktar nodfa permezz ta' ppjanar urban jew possibilitajiet ta' rkib ma' ħaddieħor), jew lejn investiment fl-infrastruttura (eż. fjuwils alternattivi jew trasport pubbliku).

Is-sena l-oħra , il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat żewġ pakketti tal-Mobilità bħala sostenn għall-awtoritajiet biex jieħdu dawn il-miżuri. Fl-ewwel Pakkett tal-Mobilità, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet aġġornament tar-regoli tal-UE dwar it-tariffi għall-użu tat-triq u estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom għax-xarabanks, il-vannijiet u l-karozzi tal-passiġġieri[23], ippromwoviet tariffi tat-toroq proporzjonati u bbażati fuq id-distanza skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi, kemm tqal u kemm ħfief, bil-ħsieb li l-kost reali tal-użu tagħhom ikun internalizzat. It-tieni Pakkett tal-Mobilità inkluda miżuri għall-promozzjoni ta' trasport pubbliku iktar integrat u nadif, biex it-trasport tal-merkanzija fuq distanzi twal jaqleb minn bit-triq għal bil-ferrovija, bil-passaġġi fuq l-ilma interni, jew bit-trasport marittimu fuq distanzi qosra, u għall-aċċelerazzjoni tal-qlib għal vetturi b'emissjonijiet baxxi u bla emissjonijiet permezz tal-istandards għall-emissjonijiet CO2 għall-karozzi u l-vannijiet u permezz tal-akkwist pubbliku[24], inkluż b'mod partikolari għal karozzi tal-linja bla emissjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pjan ta' azzjoni[25], appoġġat minn finanzjament addizzjonali, għall-istazzjonament trans-Ewropew tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi, inklużi punti ta' ċċarġjar għall-vetturi elettriċi. Barra minn hekk, fil-kuntest tat-Tielet Pakkett tal-Mobilità, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet standards ta' emissjonijiet CO2 għal vetturi tqal, inklużi inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet baxxi jew bla emissjonijiet. Hija pproponiet ukoll pjan ta' azzjoni strateġiku biex tinħoloq ekosistema kompetittiva u sostenibbli tal-batteriji fl-Ewropa b'fowkus ewlieni fuq il-manifattura taċ-ċelloli. Il-produzzjoni kompetittiva, ibbażata fl-Ewropa, tal-batteriji se tkun kruċjali għall-industrija tal-

21 Il-Valutazzjoni tal-Impatt li tirfed il-Programm għal Arja Nadifa għall-Ewropa, SWD(2013)532, l-Anness 9).

22 EEA (2017). Air Quality in Europe – Rapport tal-2017. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

23 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta’ merkanzija tqila għall-użu ta’ ċerti infrastrutturi (COM(2017)275).

24 Proposta għal rieżami tad-Direttiva dwar il-promozzjoni ta’ vetturi ta’ trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija - COM(2017)653.

25 COM(2017)652.

karozzi tal-UE biex tibni l-vantaġġ kompetittiv tagħha għal vetturi b'emissjonijiet baxxi jew bla emissjonijiet.

Finalment, il-Kummissjoni Ewropea qed tħejji gwida mhux vinkolanti mar-rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki li jistgħu jappoġġaw lill-amministraturi lokali fl-indirizzar tal-aspetti li jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet għall-aċċess tal-vetturi urbani. Pereżempju, hemm modi differenti kif jistgħu jiġu infurzati żoni b'emissjonijiet baxxi, minbarra l-użu ta' stikers manwali, bħal bl-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni moderni. Il-Kummissjoni Ewropea qed tiddiskuti mal-parijiet ikkonċernati u mal-awtoritajiet nazzjonali u lokali biex irawmu konsistenza u informazzjoni dwar ir-regolamenti tal-aċċess u qed tappoġġa lill-bliet fl-għoti ta' informazzjoni/data relatata magħhom. Fi kwalunkwe każ, importanti li kull pjan għal restrizzjoni għall-aċċess ma jkunx imfassal b'mod iżolat imma jkun parti minn Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli u jkun integrat kif xieraq fil-pjanijiet lokali tal-kwalità tal-arja stabbiliti mid-Direttiva 2008/50/UE.

Avvenimenti bħall-kampanja l-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità, li spiss tilħaq il-qofol tagħha f'jum bla karozzi, jistgħu jkunu għodda utli biex issir sensibilizzazzjoni tal-benefiċċji ta' arja nadifa permezz tal-mixi u tar-roti.

3.2. Miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-enerġija u mit-tisħin

Il-kombustjoni tal-fjuwil mill-impjanti tal-enerġija, l-industrija u l-unitajiet domestiċi għall-ġenerazzjoni tal-enerġija u tas-sħana hija l-ikbar kontributur ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit u materja partikolata[26].

Miżuri biex jonqsu l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja mill-ġenerazzjoni tal-enerġija u tas-sħana spiss imorru id f'id mal-isforzi biex jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Dawn jinkludu l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u mingħajr kombustjoni (bħall-enerġija solari, mir-riħ jew dik idroelettrika), il-koġenerazzjoni ta' sħana u enerġija, id-distribuzzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija (eż. grilji żgħar u ġenerazzjoni tal-enerġija solari fuq il-bejt), skemi, inklużi inċentivi fiskali, biex jiġu sostitwiti bojlers iktar antiki u inqas effikaċi fid-djar, fit-tkessiħ u fit-tisħin distrettwali, jew – f'xi każijiet – projbizzjonijiet tal-fjuwils solidi. Dawn il-miżuri huma effikaċi ħafna biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-materja partikolata. Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-UE jipprovdu qafas li jippermetti lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-investimenti f'miżuri bħal dawn.

3.3. Miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-industrija

Miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-industrija – it-tieni l-ikbar kontributur ta' emissjonijiet b'materja partikolata u l-ikbar kontributur għal komposti organiċi volatili – jinkisbu l-iktar bl-implimentazzjoni "tal-Aqwa Tekniki Disponibbli" (BAT) stabbiliti mid-Direttiva tal-UE dwar l-Emissjonijiet Industrijali[27]. Fil-prattika, installazzjonijiet industrijali kbar ibbażati fl-UE – inklużi impjanti elettriċi tal-kombustjoni kbar – iridu japplikaw l-iktar tekniki effikaċi għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jkunu teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli fis-settur.

Miżuri bħal dawn diġà qed iħallu benefiċċji importanti għall-kwalità tal-arja u l-implimentazzjoni tal-istandards ambjentali tal-UE l-ġodda għal impjanti kbar tal-kombustjoni

[26] EEA (2017). Air Quality in Europe – Rapport tal-2017. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

[27] Id-Direttiva 2010/75/UE.

adottati fl-2017 se jkomplu jnaqqsu l-emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit u ta' diossidu tan-nitroġenu madwar l-Ewropa.

3.4. Miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur agrikolu

Is-settur agrikolu huwa sors importanti ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja bħall-ammonijaka, li huwa prekursur ewlieni tal-materja partikolata, b'impatti sinifikanti fil-livell urban. Il-miżuri għall-mitigazzjoni ta' dawn l-emissjonijiet jinkludu miżuri agronomiċi (bl-għan li jnaqqsu l-bżonn ta' fertilizzanti tan-nitroġenu), miżuri tal-bhejjem (ħżin magħluq tad-demel, applikazzjoni aħjar tal-fertilizzant tad-demel u tal-urea, strateġiji aħjar tal-għalf tal-bhejjem biex l-annimali jipproduċu demel inqas rikk bl-ammonijaka, kif ukoll diġestjoni anaerobika għal farms kbar), jew miżuri tal-enerġija (bħall-iżvilupp ta' installazzjonijiet fotovoltajċi jew tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil).Dawn il-miżuri huma diġà disponibbli u teknikament u ekonomikament vijabbli u jenħtieġ li jiġu applikati b'mod usa'.

4. NAĦDMU FLIMKIEN BIEX NOFFRU ARJA NADIFA GĦALL-EWROPEJ KOLLHA

Kien hemm qbil dwar l-istandards tal-kwalità tal-arja kemm mill-Istati Membri fil-Kunsill kif ukoll fil-Parlament Ewropew, biex jiġi indirizzat it-tħassib taċ-ċittadini dwar saħħithom. Standards komuni tal-kwalità tal-arja jiżguraw li kull persuna tgawdi livell minimu ta' kwalità tal-arja tkun fejn tkun fl-UE, u jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-industrija madwar l-UE. Prekondizzjoni għall-implimentazzjoni effiċjenti tagħhom hija li jkun hemm azzjoni effikaċi fil-livell nazzjonali, fil-livell reġjonali u fil-livell lokali li taqbeż il-limiti amministrattivi bejn l-awtoritajiet pubbliċi. Meta n-nuqqas ta' azzjoni twassal għal nonkonformità mal-leġiżlazzjoni tal-kwalità tal-arja tal-UE, il-qrati nazzjonali jkollhom ġuriżdizzjoni fuq il-materja, kif intwera reċentement bid-deċiżjonijiet meħuda mill-qrati f'għadd ta' Stati Membri[28].

Appoġġ finanzjarju tal-UE u kooperazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea huma indispensabbli wkoll. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea intensifikat l-impenn mal-Istati Membri biex tiffaċilita l-isforzi tagħhom permezz ta' inizjattivi u miżuri varji. Il-Kummissjoni Ewropea lesta tkompli żżid il-kooperazzjoni tagħha inkluż fuq il-bażi tal-Pjanijiet Klimatiċi u ta' Enerġija Nazzjonali.

4.1. Inżidu l-kooperazzjoni mal-Istati Membri permezz tad-Djalogi dwar l-Arja Nadifa

Il-Kummissjoni Ewropea diġà kellha bosta Djalogi dwar l-Arja Nadifa mal-Istati Membri biex ikunu appoġġati l-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom. Hija qed tfittex sinerġiji b'politiki tal-Unjoni tal-Enerġija u tat-Tibdil fil-Klima, inkluż il-Pakkett tal-Mobilità Nadifa, kif ukoll inizjattivi ta' djalogu, bħall-Pjattaforma għar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni mwaqqfa skont il-qafas "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha"[29].

---

[28] Fid-deskrizzjoni ta' kif il-qrati nazzjonali jenħtieġ li jindirizzaw l-isfidi ġuridiċi mill-individwi u l-assoċjazzjonijiet, l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ambjentali (C2017)2616 final) jirreferi għal ġurisprudenza importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-arja tal-UE (C-237/07 *Janecek*, C-404/13 *Client Earth*).

[29] https://ec.europa.eu/info/news/no-region-left-behind-launch-platform-coal-regions-transition-2017-dec-08_en.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea lesta tidħol f'iktar diskussjonijiet mal-Istati Membri, inkluż billi ddur il-bliet kapitali biex twettaq "Djalogi dwar l-Arja Nadifa" mal-Istati Membri li jiffaċċaw lakuni ta' implimentazzjoni sinifikanti. L-għan hu li tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni sħiħa tal-politiki tal-UE u nazzjonali dwar it-tniġġis tal-arja fost is-setturi ekonomiċi kollha, filwaqt li jkun hemm sensibilizzazzjoni u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jieħdu sehem direttament fil-passi li jkunu qed jittieħdu biex titjieb il-kwalità tal-arja tagħhom. Dan jiżgura rappreżentanza politika ta' livell għoli f'dawn id-djalogi, u jsejjaħ lill-Istati Membri biex jużaw dawn id-djalogi biex jiżviluppaw approċċ integrat ħalli tiġi indirizzata l-isfida tal-kwalità tal-arja, fost il-livelli ta' governanza u fost is-setturi ekonomiċi.

Dan se jikkomplementa kooperazzjoni eżistenti li qed issir fil-kuntest ta' Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali u l-"Għodda ta' bejn il-Pari" li t-tnejn li huma tnedew fl-2017 biex titjieb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali fl-UE. Għall-istess għan, u biex titrawwem azzjoni fil-livell tal-Istati Membri biex jiġu indirizzati l-eċċessi fil-kwalità tal-arja, il-Kummissjoni Ewropea se tuża l-Forum ta' Konformità u Governanza li għadu kemm ġie stabbilit[30].

4.2. Nagħqqdu flimkien l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet

L-Azzjonijiet Innovattivi Urbani u l-Aġenda Urbana tal-UE se jkomplu jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mal-atturi bliet u bejniethom madwar l-UE biex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-arja fiż-żoni urbani, b'baġit assoċjat ta' EUR 372 miljun tul il-perjodu ta' finanzjament attwali[31]. Dawn għandhom l-għan li jappoġġaw miżuri konkreti biex jiġu indirizzati sfidi urbani li jvarjaw mill-ġlieda kontra t-tniġġis, sal-mobilità u żvilupp urban sostenibbli.

Il-Forum dwar l-Arja Nadifa mniedi mill-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2017 f'Pariġi, kif ukoll il-Ġimgħa l-Ħadra 2018[32] iddedikata għall-isfidi urbani, jipprovdu bażi għall-iskambji ta' prattiki tajbin fost l-atturi pubbliċi u privati kollha filwaqt li jqawwu l-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex itejbu l-kwalità tal-arja. Dan se jsaħħaħ ukoll il-koeżjoni tal-azzjoni fost il-livelli kollha tal-governanza.

Biex jiġi ffaċilitat l-investiment fi proġetti sostenibbli fil-bliet Ewropej – inkluż dawk li jappoġġaw aġenda tal-arja nadifa – il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment ħolqu lil URBIS, inizjattiva ta' konsultazzjoni ġdida ddedikata għall-awtoritajiet urbani[33]. URBIS ġiet stabbilita biex ittejjeb l-aċċess tal-bliet għal pariri tekniċi u finanzjarji meħtieġa għall-iżvilupp ta' proġetti ta' investiment urbani, programmi u pjattaforma ta' investiment/finanzjament innovattivi. Diġà huwa ċar li hemm domanda sinifikanti mill-awtoritajiet urbani għal dan it-tip ta' servizz.

Wieħed jista' jsib is-sinerġiji wkoll fil-Patt Globali tas-Sindki, li jirnexxilu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ gass serra u jippromwovi reżiljenza u tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

30 C(2018)10.- id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18.1.2018 li twaqqaf grupp ta' esperti dwar il-konformità u l-governanza ambjentali.

31 Fil-qasam tal-kwalità tal-arja, il-Pjan ta' Azzjoni rilevanti dwar il-Kwalità tal-Arja diġà ġie adottat: https://ec.europa.eu/futurium/en/air-quality.

32 https://www.eugreenweek.eu/.

33 http://eiah.eib.org/about/initiative-urbis.htm.

4.3. Il-finanzjament mill-UE ikun disponibbli biex jappoġġa miżuri għat-titjib tal-kwalità tal-arja

Il-finanzjament mill-UE permezz ta' bosta strumenti finanzjarji kien disponibbli u ntuża sew mill-Istati Membri biex tiġi indirizzata l-isfida tal-kwalità tal-arja, jew billi jkunu appoġġati direttament proġetti għall-kwalita tal-arja, jew billi jiġu integrati b'mod effikaċi l-għanijiet tal-kwalità tal-arja f'investimenti oħrajn (eż. l-iżvilupp infrastrutturali, agrikolu u rurali, u reġjonali). Il-Kummissjoni Ewropea se tħaffef xogħolha mal-Istati Membri biex tgħinhom jużaw bl-aħjar mod il-fondi li għad fadal biex jintużaw f'dan il-perjodu ta' programmazzjoni.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2014-2020, l-Istati Membri allokaw EUR 1,8 biljun bħala appoġġ għal miżuri ta' kwalità tal-arja skont il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Barra minn hekk, iktar kontribuzzjonijiet indiretti li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal arja nadifa mistennija jiġu mill-investimenti tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020 fl-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju (EUR 45 biljun), il-ħarsien tal-ambjent u l-effiċjenza fir-riżorsi (b'kollox EUR 63 biljun) u l-infrastruttura tan-netwerk (b'kollox EUR 58 biljun), l-iktar b'appoġġ għal reġjuni u ċittadini vulnerabbli.

S'issa, terz tal-investimenti kollha skont il-Fond Ewropew tal-Investimenti Strateġiċi (madwar EUR 80 biljun) marru fl-enerġija, it-trasport u l-ambjent. Dan kollu għandu effett pożittiv fuq il-kwalità tal-arja. Barra minn hekk, il-programm ta' riċerka u żvilupp tal-UE Orizzont 2020 jagħti benefiċċju indirett għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-kwalità tal-arja. Il-finanzjament jinkludi komponenti tar-riċerka għal soluzzjonijiet ta' trasport iktar nodfa.

Il-Kummissjoni Ewropea reċentement ipproponiet li tinvesti EUR 1 biljun f'39 proġett ta' trasport nadif biex jittejjeb in-netwerk ferrovjarju tal-Ewropa, tiġi żviluppata infrastruttura ta' fjuwils alternattivi u titwitta t-triq għal trasport marittimu bla emissjonijiet. Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni se tillibera b'kollox EUR 4,5 bljun ta' kofinanzjament pubbliku u privat taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Fil-kuntest tas-Sejħa kombinata li ngħalqet reċentement għal infrastruttura għal fjuwils alternattivi u mobilità iktar nadifa, ġew ippreżentati 69 proposta ta' proġett li jitolbu tliet darbiet l-ammont tal-għotja ta' EUR 350 miljun, għal valur ta' investiment totali ta' EUR 4,2 biljun. Ir-riżultati mistennija jaslu sa Ottubru 2018. Dawn l-investimenti se jgħinu l-promozzjoni ta' trasport iktar nadif fl-Ewropa, u b'hekk ikunu jistgħu jitnaqqsu iktar l-emissjonijiet.

Il-programm LIFE kien strumentali wkoll biex iwassal għal benefiċċji ta' arja nadifa. Pereżempju, il-Proġett Integrat LIFE "Małopolska in a healthy atmosphere" – li kellu baġit inizjali ta' madwar EUR 16-il miljun u ġġenera iktar minn EUR 800 miljun – iffaċilita l-implimentazzjoni tal-pjan tal-kwalità tal-arja tar-reġjun ta' Małopolska u tejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' iktar minn 20 miljun ċittadin, f'Małopolska u f'Silesia fil-Polonja imma anke fi Stati Membri oħrajn bħas-Slovakkja u r-Repubblika Ċeka. Proġetti ta' kwalità tal-arja integrati skont il-programm LIFE se jkunu partikolarment imħeġġa fis-sejħiet li ħerġin dalwaqt.

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027, kif propost mill-Kummissjoni Ewropea[34], se jkompli jappoġġa miżuri li jtejbu l-kwalità tal-arja, inkluż permezz tal-mira ta' 25% tal-infiq tal-UE li jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi, tisħiħ tal-programm LIFE, li se jippromwovi wkoll miżuri li jippromwovu enerġija nadifa, effiċjenza fl-enerġija u Politika Agrikola Komuni riformata.

[34] COM(2018)321

4.4. Għajnuna mill-Istat biex jiġu ffaċilitati l-investimenti domestiċi f'mobilità b'emissjonijiet baxxi jew bla emissjonijiet

Biex jiġu ffaċilitati skemi ta' finanzjament domestiċi, ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat jipprovdu qafas li jippermetti lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-investimenti f'mobilità b'emissjonijiet baxxi jew bla emissjonijiet, għall-benefiċċju ta' arja nadifa u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li tkun promossa l-kompetittività tal-industrija tagħna. L-Istati Membri (fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali) jistgħu jużaw dawn ir-regoli biex jittrattaw l-emissjonijiet b'mod effikaċi, pereżempju fit-trasport bit-triq. L-iskema ta' għajnuna mill-istat fil-Ġermanja approvata fi Frar 2018 hija eżempju minn ħafna ta' kif ir-regoli tal-UE jgħinu lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-investimenti fix-xiri ta' xarabanks elettriċi u ibridi rikarikabbli u l-infrastruttura għall-iċċarġjar marbuta magħhom biex jiġi limitat it-tniġġis tal-arja[35].

4.5. Azzjoni ta' infurzar kontinwu

Il-Kummissjoni Ewropea ħadmet intensivament mal-awtoritajiet nazzjonali tul l-aħħar snin, anke qabel ma l-valuri limitu daħlu fis-seħħ, biex ikun hemm bidliet progressivi u tgħinhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja. Dan wassal għal titjib, imma għad hemm xi problemi kruċjali. Il-Kummissjoni Ewropea hija partikolarment ikkonċernata li għad hemm eċċessi persistenti tal-valuri limitu għal żewġ sustanzi niġġiesa kruċjali b'impatti sinifikanti fuq is-saħħa – id-diossidu tan-nitroġenu, li ġej l-iktar mit-traffiku stradali[36] u mill-industrija, u l-materja partikolata, li tinsab l-iktar fl-emissjonijiet mill-industrija, mit-traffiku, mit-tisħin domestiku u mill-agrikoltura. Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata li tkompli taħdem bi sħubija mal-Istati Membri biex jinkisbu l-istandards tal-kwalità tal-arja maqbula flimkien mal-użu tas-setgħat ġuridiċi tagħha biex tissaħħaħ il-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti.

Tniġġis tal-arja eċċessiv minħabba materja partikolata u diossidu tan-nitroġenu

Is-sitwazzjoni attwali

Għall-**materja partikolata**, il-konformità mal-valuri limitu tal-UE kellha tasal sal-1 ta' Jannar 2005. Il-konċentrazzjonijiet fuq il-materja partikolata jkomplu jaqbżu dawn il-valuri f'partijiet kbar tal-Ewropa – b'eċċessi rrappurtati[37] f'19 mit-28 Stat Membru. Abbażi tal-aħħar dejta disponibbli, 19% tal-popolazzjoni urbana fl-UE kienet esposta għal livelli ta' materja partikolata ogħla mill-valur limitu għal kuljum tal-UE u kważi n-nofs kien espost għal konċentrazzjonijiet li jaqbżu r-rakkomandazzjonijiet iktar stretti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa[38].

Il-Kummissjoni Ewropea fetħet proċeduri ta' ksur għal livelli eċċessivi persistenti ta' materja partikolata (PM_{10}) kontra 16-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Portugall, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja, is-Slovakkja u s-Slovenja).

Fl-2017[39] u l-2018[40], rispettivament, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE diġà qatgħet żewġ sentenzi dwar tnejn mill-iktar eċċessi severi ta' materja partikolata fl-Ewropa, jiġifieri fil-Bulgarija u l-

[35] http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-1222_en.htm

[36] It-traffiku stradali huwa responsabbli għal madwar 40% tal-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu fl-UE. Mill-ossidi tan-nitroġenu emessi mit-traffiku kollha, madwar 80% ġejjin minn vetturi b'magna diżil.

[37] Permezz ta' mill-inqas stazzjon ta' monitoraġġ wieħed.

[38] EEA (2017). Air Quality in Europe – Rapport tal-2017. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

[39] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' April 2017 f'C-488/15, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija.

Polonja. Dawn is-sentenzi jikkonfermaw il-fehma tal-Kummissjoni Ewropea li eċċessi persistenti jeħtieġu li l-Istati Membri kkonċernati jieħdu miżuri iktar effikaċi biex jillimitaw l-eċċessi għall-iqsar perjodu possibbli[41].

Barra minn hekk, infetħet proċedura ta' ksur relatata mal-eċċessi tal-valur limitu ta' diossidu tal-kubrit kontra l-Bulgarija. It-tniġġis mid-diossidu tal-kubrit ġej l-iktar mill-industrija. Progress fit-tnaqqis tal-materja partikolata jħalli effetti pożittivi fuq id-diossidu tal-kubrit ukoll.

Għad-**diossidu tan-nitroġenu**, il-konformità mal-valuri limitu tal-UE kellha tasal sal-1 ta' Jannar 2010. Il-valur limitu annwali qed ikompli jinqabeż b'mod wiesa' madwar l-Ewropa – bl-eċċessi rrappurtati[42] f'total ta' 22 minn 28 Stat Membru. Abbażi tal-aħħar data disponibbli, 9% tal-popolazzjoni urbana fl-UE kienet esposta għal livelli ta' diossidu tan-nitroġenu ogħla mill-valur limitu annwali[43].

S'issa, infetħu proċeduri ta' ksur għal eċċessi persistenti ta' livelli ta' diossidu tan-nitroġenu fost 13-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, id-Danimarka, Franza, Spanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, u r-Renju Unit).

Azzjoni ulterjuri

Fit-30 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni Ewropea stiednet disa' Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Franza, Spanja, l-Ungerija, l-Italja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u r-Renju Unit) ikkonċernati minn proċeduri ta' ksur pendenti rigward tniġġis eċċessiv tal-arja minħabba materja partikolata jew diossidu tan-nitroġenu u li l-pass proċedurali li jmiss għalihom ikun tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, għal summit dwar il-kwalità tal-arja fi Brussell.

L-għan ta' din il-laqgħa kien li l-Istati Membri kkonċernati jintalbu jippreżentaw impenji vinkolanti addizzjonali għal miżuri kredibbli, effikaċi u f'waqthom biex jiġu indirizzati s-sorsi tal-eċċessi attwali u biex il-konformità tintlaħaq malajr kemm jista' jkun fl-agglomerazzjonijiet kollha.

Il-Kummissjoni Ewropea, wara li vvalutat l-informazzjoni addizzjonali pprovduta minn dawn l-Istati Membri wara l-laqgħa, ikkonkludiet li l-miżuri adottati jew ippjanati minn sitta minn dawn l-Istati Membri[44] ma jwasslux biex il-perjodi ta' eċċess ikunu qosra kemm jista' jkun, kif rikjest mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq dawn l-Istati Membri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE[45].

Barra minn dawn ta' hawn fuq, l-iżgurar ta' monitoraġġ sew tal-kwalità tal-arja madwar it-territorju kollu tal-Istati Membri huwa essenzjali. Dan jinkludi, pereżempju, it-tqegħid ta' punti ta' ġbir ta' kampjuni f'żoni fejn ikun hemm l-ikbar konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa li l-popolazzjoni x'aktarx li tkun esposta għalihom għal perjodu sinifikanti fir-rigward tal-valur(i) limitu rilevanti. F'dak ir-rigward, fejn kien hemm evidenza li l-monitoraġġ

---

40 Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Frar 2018 f'C-336/16, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja.

41 http://curia.europa.eu/juris/liste.jsf?num=C-488/15 u http://curia.europa.eu/juris/liste.jsf?num=C-336/16

42 Permezz ta' mill-inqas stazzjon ta' monitoraġġ wieħed.

43 EEA (2017). Air Quality in Europe – Rapport tal-2017. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

44 Franza, il-Ġermanja, u r-Renju Unit – għal NO2, kif ukoll l-Italja, l-Ungerija u r-Rumanija – għal PM10,

45 Ara l-istqarrija għall-istampa http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-3450_mt.htm.

u r-rapportar ma jkunx sar sew u li ma ttiħdux miżuri biex ikun hemm sistemi adegwati, bħal fir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Belġju u l-Lussemburgu, il-Kummissjoni indirizzathom fil-proċeduri ta' ksur. Jekk l-Istati Membri kkonċernati ma jiħdux il-miżuri xierqa, il-Kummissjoni tipproċedi bil-pass li jmiss f'dawn il-proċeduri ta' ksur.

L-iżgurar ta' konformità sħiħa mal-istandards ta' emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa mill-vetturi

Konformità tal-Istati Membri mar-regoli eżistenti

Wara l-iskandlu tal-emissjonijiet tal-vetturi b'magna diżil fl-2015, il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Istati Membri jieħdu azzjoni u, b'mod partikolari, jinfurzaw il-leġiżlazzjoni tal-UE. Ittieħdet azzjoni fil-livell tal-UE b'mod partikolari fid-dawl a) tar-rata insuffiċjenti ta' sejħiet lura tal-karozzi mgħammra b'apparati ta' manipulazzjoni pprojbiti mil-leġiżlazzjoni tal-UE; u b) in-nuqqas ta' multi amministrattivi – jiġifieri pieni – għall-manifatturi tal-karozzi minħabba l-ksur tal-liġi tal-UE wara testijiet ta' emissjonijiet b'qerq.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Istati Membri tal-UE jwettqu sejħiet lura obbligatorji u/jew volontarji madwar l-UE. Il-Kummissjoni Ewropea talbet ulterjorment lill-Istati Membri jinvestigaw il-possibilità ta' tiswijiet addizzjonali tal-ħardwer minbarra l-aġġornamenti tas-softwer sabiex ikun żgurat li l-emissjonijiet tal-karozzi kkonċernati jkunu kompletament konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea qed tieħu wkoll azzjoni deċiżiva kontra l-Istati Membri tal-UE fuq il-bażi tan-nuqqas tagħhom li jissodisfaw l-obbligi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura. Ġew indirizzati tliet tipi ta' tħassib rigward, minn naħa, il-pieni għall-użu ta' apparati ta' manipulazzjoni illegali, u min-naħa l-oħra, il-miżuri korrettivi li jridu jittieħdu mill-Istati Membri. Għadd ta' proċeduri ta' ksur għadhom għaddejjin[46]. Sett ta' proċeduri ta' ksur jikkonċerna n-nuqqas ta' sistemi ta' pieni fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali rispettivi. It-tieni sett jikkonċerna l-Istati Membri li ħarġu approvazzjonijiet tat-tip għal manifattur tal-karozzi fl-UE u huwa bbażat fuq is-suspett ta' nuqqas ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar il-pieni minkejja l-użu ta' softwer ta' apparat ta' manipulazzjoni illegali mill-kumpanija. It-tielet proċedura ta' infurzar kontra Stat Membru wieħed tikkonċerna l-istrateġiji ta' kontroll tal-emissjonijiet impjegati mill-manifattur tal-karozzi, inkluż in-nuqqas ta' pieni imposti[47].

Il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-Istati Membri, qed tindirizza l-fenomenu tal-kummerċ tal-vetturi użati suġġetti għal azzjonijiet ta' sejħa lura.

Azzjoni ulterjuri

Fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur pendenti msemmija fuq, u fil-kuntest tad-djalogu li għaddej mal-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni Ewropea issa ddeċidiet li tibgħat żewġ

---

[46] Il-proċeduri mnedija f'Diċembru 2016 kontra r-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Spanja u r-Renju Unit. http://europa.eu/rapid/press-release_IP-16-4214_en.htm. Il-każ kontra l-Litwanja ngħalaq f'Lulju 2017. Fir-rigward ta' ħames Stati Membri, dawn il-proċeduri kienu segwiti f'Lulju 2017 fil-forma ta' ittra ta' intimazzjoni komplementari (http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-17-1935_mt.htm).

[47] F'Mejju 2017, il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra l-Italja (http://europa.eu/rapid/press-release_IP-17-1288_en.htm).

settijiet ta' ittri ta' intimazzjoni komplementari. Sett, indirizzat lil tliet Stati Membri[48], jitlob kjarifiki addizzjonali dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' deċiżjonijiet finali dwar pieni fid-dawl tal-użu ta' softwer ta' apparat ta' manipulazzjoni illegali minn grupp wieħed ta' manifatturi tal-karozzi. Intbagħtet ittra ta' intimazzjoni komplementari[49] lil Stat Membru wieħed biex jintalab kjarifiki dwar il-passi reċenti meħuda minn dak l-Istat Membru rigward l-istrateġiji ta' kontroll tal-emissjonijiet impjegati f'ċerti vetturi ta' manifattur tal-karozzi wieħed inkluż in-nuqqas ta' deċiżjoni finali dwar il-pieni. L-informazzjoni li trid tintbagħat mill-Istati Membri b'reazzjoni għal dawn l-ittri ta' intimazzjoni komplementari se tkun ivvalutata mill-Kummissjoni Ewropea fid-dawl tal-passi li jmiss, kif xieraq.

Ir-regoli l-ġodda biex tissaħħaħ is-sorveljanza tas-suq

Għall-quddiem, l-UE qablet dwar regoli ġodda biex togħla l-kwalità u l-indipendenza tal-approvazzjoni tat-tip u t-testijiet tal-vetturi, jiżdiedu l-kontrolli tal-karozzi li jinsabu diġà fis-suq tal-UE, u tissaħħaħ is-sistema kumplessiva b'sorveljanza Ewropea. Ir-regoli se jsiru obbligatorji f'Settembru 2020 u se jiżguraw li l-vetturi fis-suq tal-UE, inklużi dawk b'magni diżil, jikkonformaw mal-istandards tal-emissjonijiet tal-vetturi Ewropej (Euro 5/6)[50]. Ir-regoli l-ġodda se jippermettu lill-Kummissjoni Ewropea tieħu azzjonijiet ta' infurzar dirett kontra l-manifatturi li ma jirrispettawx il-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż dwar l-emissjonijiet, jekk l-Istati Membri jonqsu milli jaġixxu. B'mod partikolari, il-Kummissjoni Ewropea tkun tista' tibda sejħiet lura mal-UE kollha u timponi pieni fuq il-manifatturi jew fuq il-fornituri tas-servizz tekniku ta' sa EUR 30 000 għal kull karozza li ma tkunx konformi. L-Istati Membri jistgħu jkunu obbligati wkoll jagħmlu kontrolli obbligatorji (dwar l-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa) tal-karozzi li jinsabu diġà fis-suq tal-UE.

5. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Hemm bżonn urġenti li ntejbu l-kwalità tal-arja fl-Ewropa permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-istandards tal-kwalità tal-arja maqbula mill-Istati Membri u l-Parlament Ewropew iktar minn deċennju ilu. Dan jirrikjedi azzjoni fil-livelli kollha (nazzjonali, reġjonali, lokali) u l-Kummissjoni Ewropea qed tappoġġa azzjoni ta' dan it-tip permezz tal-għodod kollha fid-dispożizzjoni tagħha.

It-titjib tal-kwalità tal-arja tibqa' sfida għall-Ewropa anke fit-terminu t-twil. Dan jirrikjedi approċċ komprensiv fost setturi differenti, mit-trasport u l-enerġija għall-ippjanar lokali, filwaqt li jinġabru flimkien l-atturi differenti kkonċernati kollha. Min-naħa tagħha l-Kummissjoni Ewropea se tkompli tappoġġa l-Istati Membri pereżempju permezz tad-Djalogi tal-Arja Nadifa.

Kwalità ħażina tal-arja tnaqqas il-kwalità tal-ħajja u hija ta' kost kbir għall-ekonomija. Ma hemmx ħin x'naħlu. Jeżistu soluzzjonijiet kosteffikaċi biex titjieb il-kwalità tal-arja u dawn huma disponibbli b'mod wiesa'. Hemm bżonn li naġixxu issa biex jiżdiedu u jkunu

[48] It-tieni ittri ta' intimazzjoni komplementari indirizzati lill-Ġermanja, il-Lussemburgu u r-Renju Unit. Ara l-istqarrija għall-istampa http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-3450_mt.htm. Fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew fir-Repubblika Ċeka, il-Greċja u Spanja li għandhom l-għan li jindirizzaw it-tħassib tal-Kummissjoni, dawn it-tliet proċeduri ma jirrikjedux it-teħid tal-passi sussegwenti fil-proċess ta' ksur f'dan l-istadju.

[49] Ittra ta' intimazzjoni komplementari lill-Italja, ara l-istqarrija għall-istampa http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-3450_mt.htm.

[50] http://europa.eu/rapid/press-release_IP-17-5131_mt.htm

implimentati mingħajr dewmien madwar l-UE għall-benefiċċju tan-nofs biljun ċittadin Ewropew.